



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-18 ta' Jannar 2017

Il-koordinazzjoni tar-reazzjoni tal-UE għal diżastri li seħħew saret f'waqtha u kienet effettiva, jgħidu l-Awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-reazzjoni tal-UE, f'każijiet ta' emerġenza, għal diżastri naturali u tifqigħat kbar ta' mard madwar id-dinja hija ġeneralment ikkoordinata tajjeb.

L-awdituri eżaminaw il-Mekkaniżmu tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), li huwa mmaniġġjat mill-Kummissjoni Ewropea u li l-għan tiegħu hu li jikkoordina r-reazzjonijiet għal diżastri li jkunu seħħew madwar id-dinja. Huma ħarsu lejn tliet diżastri internazzjonali reċenti li għalihom il-Mekkaniżmu kien ġie attivat: l-għargħar tal-2014 fil-Bożnija-Ħerzegovina, it-tifqigħa tal-virus tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent bejn l-2014 u l-2016, u t-terremot fin-Nepal fl-2015.

Huma kkonkludew li l-ġestjoni li twettqet mill-Kummissjoni, permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza, li jopera 24 siegħa kuljum, kienet effettiva f'termini ġenerali. L-attivazzjoni tal-UCPM kienet ġeneralment f'waqtha u t-timijiet tal-protezzjoni ċivili tal-UE kienu għenu biex jikkoordinaw it-timijiet tal-pajjiżi parteċipanti fuq il-post. Dan ix-xogħol kien aktar effettiv minħabba l-kondiviżjoni mifruxa ta' informazzjoni.

L-awdituri sabu li l-koordinazzjoni fost id-dipartimenti tal-Kummissjoni, kif ukoll ma' korpi oħra tal-UE u ma' korpi mhux tal-UE, kienet inklużiva. Il-Kummissjoni kienet irrispettat ukoll it-tmexxija ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, u kienet ħadet passi biex tiżgura li jkun hemm tranżizzjoni mingħajr xkiel għall-fażi ta' rkupru ta' wara d-diżastri.

"Meta jseħħ diżastru, ir-reazzjoni trid tkun immedjata. Ġestjoni tajba tad-diżastri ssalva l-ħajjiet, u koordinazzjoni effettiva fost intervenenti differenti – bħalma sibna hawnhekk – hija kruċjali biex it-tnejn u r-reazzjoni għal diżastri jirnexxu," qal Hans Gustaf Wessberg, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni u ċ-ċentru tal-kriżijiet tagħha li jopera 24 siegħa kuljum huma eżempji tajbin ta' valur miżjud li jirriżulta mill-kooperazzjoni Ewropea."

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

Madankollu, l-awdituri sabu oqsma li jirrikjedu aktar titjib. Huma jirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tidentifika modi kif tiggwadanja aktar ħin fl-istadji bikrin tad-diżastri u matul l-għażla u l-iskjerament tat-timijiet tal-protezzjoni ċivili tal-UE;
- tiżviluppa l-pjattaforma ta' komunikazzjoni u informazzjoni dwar id-diżastri biex tittejjeb l-istampa ġenerali tal-assistenza pprovduta u mitluba, biex ikun jista' jsir segwitu aħjar tal-prijoritajiet u biex tkun ta' użu aktar faċli għall-utenti;
- ittejjeb il-koordinazzjoni fuq il-post billi ttejjeb ir-rappurtar, taħdem ma' esperti mid-Direttorat għall-Għajnuna Umanitarja, u tinvolvi aktar id-Delegazzjonijiet tal-UE; u
- ittejjeb ir-rappurtar u l-obbligu ta' rendikont billi tawtomatizza l-produzzjoni tal-istatistika u tal-indikaturi.

Barra minn hekk, għal emerġenzi futuri li jkollhom konsegwenzi fuq is-saħħa pubblika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkollega ma' Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard biex tivvaluta kif jistgħu jiġu ottimizżati l-arranġamenti għall-iskjerament ta' esperti fil-qasam tal-mard barra mit-territorju tal-UE.

Noti lill-Edituri

Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni Ċivili ġie stabbilit għall-ewwel darba fl-2001; l-għan tiegħu huwa li jippromwovi kooperazzjoni operazzjonali immedjata u effettiva bejn is-servizzi nazzjonali tal-protezzjoni ċivili. Huwa għandu żewġ objettivi prinċipali: li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi parteċipanti (l-Istati Membri kif ukoll sitt pajjiżi mhux tal-UE) u li jiffaċilita l-koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili sabiex tittejjeb l-effettività tas-sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għal diżastri.

l-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza, immexxi mill-Kummissjoni, jaħdem 24 siegħa kuljum bħala pjattaforma ta' monitoraġġ tal-kriżijiet u ta' koordinazzjoni. Huwa jorbot l-Istati parteċipanti, il-pajjiż milqut u l-esperti fil-qasam, filwaqt li jiddistribwixxi informazzjoni u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn it-timijiet tal-protezzjoni ċivili u dawk tal-għajnuna umanitarja. Huwa appoġġat minn sistema ta' twissija u ta' notifika bbażata fuq l-internet.

Grupp volontarju ta' timijiet ta' sokkors, esperti u tagħmir mill-pajjiżi tal-UE jinżamm lest għal li jista' jinqala' u jsir disponibbli hekk kif jiġi meħtieġ għal missjonijiet ta' protezzjoni ċivili tal-UE madwar id-dinja kollha. Minn Ottubru 2014 sa issa, 10 pajjiżi ntrabtu li jipprovdu r-riżorsi lil dan il-grupp.

Ir-Rapport Speċjali Nru 33/2016: "Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili: il-koordinazzjoni tar-reazzjonijiet għal diżastri li seħħew barra mit-territorju tal-UE kienet effettiva f'termini ġenerali" huwa disponibbli bi 23 lingwa tal-UE.